MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 383/2004

Kawza fil-lista: 39

**A B**
**vs**
**CD E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom fil-knisja ta’ Marija Regina, Marsa fl-10 ta’ Dicembru 1988 kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’ difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u minghajr effett u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fil-knisja ta' Marija Regina, Marsa, fl-10 ta' Dicembru 1988, huwa null u minghajr effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta millum ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet illi:

1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat null u minghajr effett fil-ligi izda dan minhabba l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

2. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null minhabba li l-kunsens ta' l-konvenuta inkiseb b' qerq dwar kwalita tal-attur li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi fl-ahharnett iz-zwieg huwa null peress li kif ser jirrizulta waqt il-kawza l-konvenut hu impotenti.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat il-kontro talba li prezentata mill-konvenuta rikkonvenzjonanti, u li tinsab inserita fil-process a fols.38 sa 40;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba, il-partijiet qieghdin jitlobu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghhom kuntrattat fl-10 ta' Dicembru 1988 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat. L-attur jghid li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, filwaqt li l-konvenuta tghid li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak ta' l-attur fit-termini tal-paragrafu [d] u [e] ta' l-istess artikolu.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Dicembru 1988, meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu ilhom jffrekwentaw lil xulxin sentejn u nofs. Wara konvivenza ta' disa' snin il-partijiet isseparaw de facto, u fl-4 ta' Awissu 1998 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Illi l-attur jilmenta mill-fatt li l-konvenuta hija bniedma nervuza u panikuza, u okkazzjonalment anke isterika. Jghid li hija possessiva u "kienet trid kollox kif tixtieq hi ghax inkella taqla glieda"[1]; di fatti ta' spiss kienet taghmel xenati kbar ghal kull haga ta' xejn, u sproporzjonati ghas-sitwazzjoni;  u gieghli kienet tkun aggressiva u vjolenti. Hija kienet tghir hafna ghall-attur, partikolarment ghar-rabta li dan kellu mal-genituri tieghu tant li kienet taghmel minn kollox biex tbieghdu minn maghhom. Huwa jghid li "marti kellha certu mibeghda lejn il-familjari tieghi." Tant kienet taghmel xenati meta kienet tinduna li l-attur kien

[1] Affidavit fols.24 *et seq.*

mar izur l-ommu, li hu jghid li kien jspicca jigdeb biex ma jurihiex.

Konsegwenza ta' dan il-komportament ta' martu, il-partijiet kienu jargumentaw u jiggieldu verbalment kontinwament, bir-rizultat li anke r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu bdew jonqsu. Huwa jakkuza lill-konvenuta li dina qatt ma riedet tfal fiz-zwieg, u kienet tghid dan il-hsieb taghha apertament quddiem familjari tieghu. Jghid, b' referenza ghaz-zmien ta' l-gherusija, "CD kienet ghamlithieli cara li tfal ma riditx … fil-fatt minn dan iz-zwieg ma kellnix tfal, u dan ghaliex ma riditx marti."

Illi inoltre, ghalkemm l-attur ammetta li minn qabel iz-zwieg huwa kien jaf li kellu kondizzjoni medika li setghet tnaqqas il-possibilita' tieghu li jiggenera tfal, u ghalkemm ammetta li huwa kien zamm dan il-fatt mistur mill-konvenuta, allura gharusa tieghu, huwa jsostni li ma kienx konxju tal-fatt li din il-kondizzjoni medika tieghu kienet ta' ostakolu li jkollhom it-tfal.

L-attur fl-affidavit tieghu jghid li, minhabba l-problemi li kienu jezistu qabel iz-zwieg, "dakinhar taz-zwieg, li kieku stajt, ma kontx naghmel dak il-pass li ghamilt, ghax kont inhoss li kien zwieg fallut minn qabel ma beda. It-tnejn li ahna fil-fond ta' qalbna konna nafu li ma konniex maqtughin ghal xulxin."

Illi minn naha taghha l-konvenuta fl-affidavit[2] taghha tghid li l-attur "ma riedx jizzewweg ghax ma kienx ihobbni" izda tghid li "jien ma poggejtlux gun ma rasu biex jizzewwigni. Messu hasibha sew minn qabel."

Rigward it-tfal, il-konvenuta tispjega li "jiena kont inhoss li ahna kellna nissetiljaw bid-dar, ix-xoghol u kollox. Kellna prioritajiet ohra". Tghid li "wara z-zwieg skoprejt li A ma qallix li hu qatt ma seta' ikollu t-tfal, u ingannani ghax beza' li ma kontx nizzewgu. Jien hassejtni ngannata hafna u din il-haga kissritni. Kieku kont naf li kien ser jidhaq bija ma kontx nizzewgu. Jiena kelli dritt inkun naf il-verita'"

[2] Fol.43 *et seq.*

Il-konvenuta tghid li wara z-zwieg skopriet li l-attur "ma kienx jaf x' inhu zwieg, x' inhi mhabba, ir-rispett, l-onesta' u s-sostenn li ragel ghandu juri lil martu. Bl-agir tieghu kien ikissirni mentalment."

Hija tilmenta mill-fatt li "A kien marbut wisq mal-genituri tieghu specjalment ma' ommu…. Kien ipoggi lil ġenituri tieghu dejjem qabli …. Hrug xejn. Jew ghand ommu jew xejn u jekk nohorgu bilfors nispiccaw ghandha. Is-Sibt filghaxija ma' ommu, u l-Hadd wara nofs inhar ma' ommu konna nohorgu ukoll." Fid-deposizzjoni[3] taghha tirrakkonta li d-dar kien jigi biex jiekol u jinhasel biss u kont naghmel ix-xenati jiena fuqha dik, u tghid li kien izjed ikun ghand ommu milli d-dar matrimonjali. Kien "kemm jigi jiekol, jinhasel filghaxija u jerga' jmur [ghand il-genituri tieghu] u jigi fl-10.30 pm u jsibni rieqda litteralment ….[u dan kien jigri] kuljum, kuljum….kuljum mill-bidu, minn wara ftit tista' tghid. Imbaghad jiena b' hekk bdejt indur kontra taghhom." Hija tammetti li kienet taghamillu x-xenati talli kien ikun ghand il-genituri tieghu l-hin kollu, filwaqt li "jiena [il-konvenuta] dejjem wahdi."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz, din il-Qorti, wara ezami rett u valutazzjoni tal-provi, hija tal-fehma li jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] fil-konfront taz-zewg partijiet; kif wkoll il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [c] da parti ta' l-attur.

Illi mill-provi jirrizulta car li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar l-import, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali. Il-komportament taghhom sa mill-bidu nett taz-zwieg juri li huma ma fehemux u ma gharrfux l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg li fil-gurisprudenza jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; <u>the obbligation of life and love</u> as an expression of the union between man and

[3] Fol.132 *et seq.*

woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics *[Viladrich]* [4]

Jigi osservat ulterjorment li, nerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom the "community of life and love": fattur li f' dan il-kaz, jispikka fil-mankanza tieghu.

Il-provi juru bic-car li l-partijiet dan ma fehmuhx, u dan in-nuqqas huwa evidenzjat mill-fatt li l-komportament taghhom wara z-zwieg kien baqa' l-istess bhal dak ezistenti qabel iz-zwieg, bl-istess tensjonijiet u konflitti li kienu jezistu qabel.

Izda fil-fehma tal-Qorti, l-ilment tal-konvenuta, l-aktar gustifikat huwa dak li jorigina mill-fatt li l-attur heba mill-konvenuta qabel iz-zwieg il-kondizzjoni medika tieghu, u kien ipprova jahbiha wkoll wara z-zwieg izda nutilment ghax il-konvenuta kienet gustament insistiet li tidhol mieghu ghand it-tabib. Kien f' dan l-istadju li l-konvenuta saret taf b' din il-kwalita' inerenti fl-attur, allura zewgha.

In propositu l-Qorti ma tqis bhala veritiera l-allegazzjoni ta' l-attur li dana ma kienx jaf li ma setghax ikollu t-tfal, jew li l-kondizzjoni medika li kellu kienet naqqset din il-possibilita' serjament. Il-mod kif gab ruhu qabel ma dahhlu ghand it-tabib, huwa evidenza tan-nuqqas ta' sincerita' u onesta' tieghu fil-konfront ta' martu li kellha d-dritt tkun taf b' dik il-kondizzjoni pre ezistenti iz-zwieg; u l-Qorti hija tal-fehma li l-attur kien jaf bil-konsegwenzi taghha, sa minn qabel iz-zwieg u ma kienx qal lill-attrici biha proprju peress

[4] Sottolinear tal-Qorti

li beza' li ma kinitx tizzewgu. Di fatti fid-deposizzjoni tieghu l-attur jghid: "Jiena lil CD zzewwigtha ghax kont inhobbha, minkejja l-problemi li kienet tohloq." Mela altru li ma riedx jizzewweg, jew li kif qal fl-affidavit tieghu, kien pressat li jizzewweg mic-cirkostanzi!

Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-attur kien fid-dmir li jghid lill-konvenuta b' din il-kondizzjoni tieghu qabel iz-zwieg, sabiex din tkun tista' taghmel id-decizjonijiet taghha; multo magis fuq materja daqshekk importanti fiz-zwieg li hija relatata mal-prokreazzjoni ta' l-ulied; izda l-provi juru li hu ngannaha u tqarraq biha meta, heba dan il-fatt minnha b' mod li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa tqarraq bil-konvenuta dwar kwalita' inerenti fih li mix-xorta taghha kienet ta' tfixkil serju ghall-hajja matrimonjali ta' bejniethom. Il-Qorti m' ghandhiex dubju li dan il-fatt, meta hareg fil-berah, ikkontribwixxa sostanzjalment sabiex ir-relazzjoni matrimonjali ta' bejn il-partijiet tkompli tiddigenera.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li kemm l-azzjoni kif ukoll il-kontro talba huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti taz-zewg partijiet, u fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-istess artikolu da parti ta' l-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni u dwar il-kontro talba billi tilqa' l-istess u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Dicembru 1988 fit-termini ta' l-artikoli precitati. L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------